MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-10 ta' Awwissu, 2006

Numru 913/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi**

**v.**

**Alfred Bugeja**
-- *omissis* --

**Il-Qorti**:

Rat ir-rikors ta’ Alfred Bugeja, minnu ppresentat fit-8 ta’Awissu 2006, li permezz tieghu huwa talab li din il-Qorti “tvarja l-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest, fis-sens li tnehhi l-kundizzjoni li huwa ma johrogx mir-residenza tieghu, jew alternattivament, din il-kundizzjoni tigi sostitwita b’hinijiet ta’ rinkazar”;

Rat ir-risposta oppositorja ta’ l-Avukat Generali;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; semghet ukoll bil-gurament lir-rikorrent;

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz (dejjem limitatament ghall-finijiet tat-talba odjerna), inkluza c-cirkostanza ta' l-antecedenti penali tar-rikorrent[1] kif ukoll il-fatt, mir-rikorrent stess mistqarr fid-deposizzjoni tieghu tal-lum, li huwa jinsab bil-*bail* f'diversi kawzi ohra;

Tosserva fl-ewwel lok, li din il-Qorti ma tistax tittollera sitwazzjoni fejn l-ewwel imputat jew akkuzat jitlob il-helsien mill-arrest, possibilment billi huwa stess jissuggerixxi l-"house arrest", u in segwitu, ghal raguni jew ohra, jibda b'sensiela ta' rikorsi biex igib fix-xejn dik il-kundizzjoni meta ma tkunx tirrizulta raguni impellenti ghall-bdil ta' dik il-kundizzjoni. Kif tajjeb osserva l-abbili prosekutur, l-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Stephen Tonna Lowell, fl-udjenza tal-lum, meta l-Qorti Istruttorja ikkoncediet il-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni, *inter alia*, ta' l-hekk imsejha "house arrest" huwa prezunt li hija tkun hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u li l-kundizzjonijiet <u>kollha</u> tad-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest (fol. 49) mhux biss ma jkunux saru kapriccosament, izda addirittura jkunu saru biex jintlahaq dak il-bilanc mehtieg bejn l-interess tas-socjetà li tittutela l-integrità tal-procediment kontra l-persuna li tkun u d-dritt ta' dik l-istess persuna li ma tibqax taht arrest fil-pendenza tal-proceduri kontra taghha jekk il-Qorti tkun sodisfatta li ma jkunx hemm il-perikoli ravvizati fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk, mhux la kemm wiehed jaqbad u jnehhi, minghajr raguni verament valida, dik il-kundizzjoni tal-"house arrest" ghax altrimenti dak il-bilanc jigi disturbat.

Issa, fil-kaz in dizamina r-rikorrent tressaq akkuzat fis-17 ta' Mejju 2006 (flimkien ma' persuni ohra) b'serq, ricettazzjoni, pussess ta' arma u munizzjoni minghajr licenzja, sewqan ta' vettura bla licenzja u bla kopertura tal-assigurazzjoni, kif ukoll li huwa recidiv. Il-Qorti Istruttorja, b'digriet moghti fis-6 ta' Gunju 2006,

[1] Ara l-fedina penali ta' 36 pagna fl-attijiet ta' l-istruttorja.

ikkoncediet lir-rikorrent (u lill-imputati l-ohra) il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom dik, enumerata **2**, li ma johrogx mid-dar tieghu “hlief biex jattendi l-Qorti jew ghal xi raguni medika serja” u wara li jkun informa lill-ufficjal prosekutur. Fit-12 ta’ Gunju 2006, Bugeja ppresenta rikors quddiem il-Qorti Istruttorja fejn talab li titnehha l-kundizzjoni tal-“house arrest” biex huwa jkun jista’ jmur jahdem biex ma jkunx ta’ piz finanzjarju fuq missieru. Dik il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-rikors peress li l-atti kienu jinsabu ghand l-Avukat Generali (fol. 102). Fit-12 ta’ Lulju 2006 rega ppresenta rikors iehor, dejjem biex titnehha dik il-kundizzjoni ta’ “house arrest”, din id-darba ghax allega li qed ibati minn dipressjoni, u ezibixxa certifikat mediku (ara fol. 104). B’digriet moghti fis-27 ta’ Lulju 2006 dik il-Qorti cahdet it-talba. Ir-rikors odjern huwa identiku ghal dak as-27 ta’ Lulju 2006.

Din il-Qorti, fl-assenza tad-deposizzjoni tat-tabib li rrilaxxja c-certifikat a fol. 104, ma tistax tikkonkludi li hemm xi raguni verament impellenti biex il-kundizzjoni in dizamina tinbidel. Mhix haga insolita li persuna li kontriha jkun hemm diversi proceduri penali jkollha “a reactive depression related to his present situation”. Ma hemm xejn x’jindika li din il-kundizzjoni medika hija specifikatament marbuta mal-kundizzjoni tal-“house arrest” u mhux mal-fatt li hemm diversi proceduri penali pendenti. In fatti, mid-deposizzjoni tar-rikorrent moghtija llum jirrizulta li huwa ilu taht kura psikjatrika ghal hafna snin (huwa semma’ xi 13-il sena).

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, u *rebus sic stantibus* din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tnehhi l-kundizzjoni msemmija.

Konsegwentement tichad it-talba. Notifika lir-rikorrent, lill-Avukat Generali u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------